

31996L0089

28.12.1996

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 338/85

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI 96/89/KE**tas-17 ta' Diċembru 1996****li temenda d-Direttiva 95/12/KE li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE fir-rigward ta' l-ittikkettar li jindika il-konsum ta' l-enerġija ta' magni tal-ħasil fid-djar****(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

L-Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE tat-22 ta' Settembru 1992 dwar l-indikazzjoni bl-ittikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum ta' enerġija u riżorsi oħrajn ta' apparat fid-dar⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 12 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/12/KE tat-23 ta' Mejju 1995 li timplimenta id-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE fir-rigward ta' l-ittikkettar li jindika l-konsum ta' l-enerġija ta' magni tal-ħasil fid-djar⁽²⁾,

Billi metodi kurrenti ta' kejl u informazzjoni ma jippermettux għall-ittikkettar approprijat ta' magni tal-ħasil mingħajr metodu intern biex isaħħan ilma jaħraq; billi dan it-tagħmir għandu għalhekk jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 95/12/KE;

Billi l-miżuri previsti f' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/75/KEE,

ADOTTAT DIN ID- DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 95/12/KE, fil-lista tat-tipi ta' magni tal-ħasil fid-djar esklużi mill-qasam ta' l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, il-punt li ġej għandu jiżdied:

“— Sat-30 ta' Ġunju 1998 magni tal-ħasil b' ebda mezz intern biex isaħħnu l-ilma.”

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-15 ta' April 1997. Għandhom immedjatament jinnotifikaw lill-Kummissjoni b' dawn il-miżuri. Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-15 ta' Mejju 1997.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet jew għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva, jew għandu jkollhom magħhom din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull miżura li jieħdu fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id- Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Christos PAPOUTSIS

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 297, tat-13.10.1992, p. 16

⁽²⁾ ĠU L 136, tal-21.6.1995, p. 1